A.L. 96 ta' l-1988

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU

(KAP. 65)

Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Kummissarju tal-Pulizija, bil-parir tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1948 dwar il-Vetturi bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 24 ta' l-1948.

Jemenda r-regolament 51 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-paragrafu (8) tar-regolament 51 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(8A) Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jagħti lid-detentur ta' liċenza ta' Garage ta' Servizz Pubbliku li jagħmel talba għaliha, liċenza speċjali li tkun tawtorizzah jutilizza fondi addizzjonali, li jkunu xierqa għaż-żamma ta' vetturi bil-mutur, bl-uniku għan li jdaħħal fihom bħala garage vetturi bil-mutur liċenzjati għall-kiri li jkunu reġistrati f'isem id-detentur:

Iżda għandha titniżżel bħala kundizzjoni fil-liċenza speċjali msemmija li ebda servizz ta' kiri ma għandu jingħata minn, u ebda uffiċċju ma għandu jinfetaħ fil-fondi addizzjonali hekk liċenzjati.".